MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 754/1996/1

**Dr. Louis Bianchi ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Jonathan Guillaumier**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Settembru, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-19 t'Awissu ta' l-1996 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas lill-attur nomine is-somma ta' tmien mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tminja u tletin centezmi (LM852.38,0), liema somma hija dovuta ghal xogholijiet ta' tiswija u forniment ta' spareparts fuq il-vettura ta' marka Volvo numru A-4225 propjieta tal-konvenut, liema xogholijiet saru fuq istruzzjonijiet tal-istess konvenut izda baqaw ma thallsux;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra Ufficjali tat-30 ta' Mejju, 1995 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-istess Avviz;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 ta' Settembru ta' l-1996 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi x-xogholijiet in kwistjoni ma sarux fuq inkarigu tal-esponent;

2. Illi l-esponent ta' istruzzjonijiet lid-ditta attrici sabiex din tesegwixxi dawk ix-xogholijiet necessarji sabiex jigu rimedjati certu hsarat fil-vettura in kwistjoni. Fil-fatt dawk ix-xogholijiet li saru ma servewx sabiex tigi rimedjata l-hsara u ghalhekk l-esponent m'ghandux jigi tenut li jhallas ghal xogholijiet li ma kienux dawk ordnati;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Ezaminat ix-xhieda pprezentata quddiem din il-qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenut kien ha l-vettura tieghu ghas-“service” ghand is-socjeta’ Gasan Enterprises Limited irrapprezentata mill-attur nomine fl-atti ta’ din il-procedura;

2. Illi wara l-ispezzjoni dovuta teknici ta’ l-imsemmija socjeta’ infurmawh li t-“turbo” u s-“cylinder head” kellhom jinbidlu;

3. Illi l-konvenut irrifjuta dan il-parir izda kontra l-parir ta’ l-istess teknici ta struzzjonijiet biex dawn jeffettwaw xi tiswijiet fil-vettura tieghu minghajr ma jbiddlu t-“turbo” u s-“cylinder head”;

4. Illi dan ix-xoghol gie effettwat minn sub-appaltatur tas-socjeta’ fuq indikata minghajr ma taw garanzija fuq ix-xoghol stante li x-xoghol esegwit sar kontra l-pariri teknici ta’ l-istess impjegati ta’ l-imsemmija socjeta’;

5. Illi ovvjament l-imperfezzjonijiet osservati mill-konvenut baqghu;

6. Illi s-socjeta’ fuq indikat baghtet il-kontijiet relattivi lill-konvenut li baqa’ inadempjenti u ghalhekk ittiehdet il-procedura odjerna;

Ikkonsidrat:

Illi jidher assodat li l-konvenut kien qieghed ukoll jaghmel uzu minn teknici separati minn dawk tas-socjeta’ fuq indikata hawn rapprezentata mill-attur nomine;

Illi x-xogholijiet effettwati fuq il-vettura tal-konvenut mill-impjegati ta’ din is-socjeta’ saru fuq ordnijiet specifici tal-konvenut u kontra l-pariri tat-teknici involuti;

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jerfa’ l-piz tad-decizjonijiet tieghu;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Jonathan Guillaumier biex ihallas lill-attur nomine l-ammont ta' tmin mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (LM852.38,0), bl-ispejjez u l-imghaxijiet skond il-ligi."

Il-konvenut appella minn din id-decizjoni bl-aggravju illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat sew tal-fatti u tal-principji legali applikabbli ghall-istess fatti.

Il-fatti kif iddelineaw ruhhom huma sufficcjentment esposti fis-sentenza appellata. Il-provi juru li f'dan il-kaz is-socjeta' appellata pprestat zewg servizzi ta' tiswija fuq il-vettura tal-konvenut appellant. Dawn iz-zewg servizzi kienu distinti minn xulxin kemm ghal dak li huwa kontenut tax-xoghol esegwit kif ukoll ghall-fattur ta' zmien bejn servizz u iehor.

Iz-zewg xiehda Carmel Camenzuli (fol 10), Assistant Manager fis-Service Department tas-socjeta' appellata, u John Baldacchino (fol 15), foreman mal-istess socjeta' jinkwadraw iz-zewg servizzi b'dan il-mod:-

i. F'<u>Novembru 1994</u> il-konvenut irraporta hoss fit-turbo u fit-temperature gauge. Huwa gie moghti parir biex jibdel kemm it-turbo kif ukoll ic-cylinder head. Zvelat lilu l-prezz tas-sostituzzjoni ta' dawn il-parts il-konvenut iddeklina li jsir it-tibdil izda awtorizza minflok li jsiru riparazzjonijiet. Dan ix-xoghol sar u l-konvenut eventwalment hallas. Jinghad minn dawn ix-xhieda illi gjaladarba x-xoghol sar kontra l-parir tad-ditta riparatrici huma ma tawh l-ebda garanzija fuq dan l-istess xoghol.

ii. F'<u>April 1995</u> il-konvenut rega' ha l-karozza ghal tiswijiet ohra, essenzjalment dawk konnessi mal-oil pressure. Mill-accertamenti li saru wara li nqalghet il-magna nstab li kien hemm numru ohra ta' komponenti tal-vettura li kienu jenhtiegu tibdil jew tiswija. Dawn jinsabu dettaljati mix-xhud John Baldacchino fid-deposizzjoni

tieghu a fol 33, kif ukoll fil-‘job card’. Gie rilevat minn dawn iz-zewg xhieda illi dan it-tieni servizz ma kellux x’jaqsam ma’ dak l-iehor li kien sar f’Novembru ta’ qabel. Cirka jumejn fuq li kien ha konsenja lura tal-vettura l-konvenut ilmenta minn “exhaust smoke” u x-xhieda informawh li kien rega’ marlu t-turbo. Il-konvenut rega’ ma accettax li jinbidel u lanqas ried ihallas ghal dan it-tieni servizz u parts rimpjazzati.

Il-posizzjoni assunta mill-konvenut (fol 46) kienet dik li kienu t-teknici stess tas-socjeta’ attrici li offrewlu l-alternattiva tat-tiswija fuq it-turbo meta irrizulta li r-rimpjazzament kien ser jinvolvi spejjez ingenti.

Aktar il-quddiem a fol 50 et sequitur jistqarr li t-tieni servizz li sar f’April 1995 ma kellux x’jaqsam mal-kwestjoni tat-turbo. Jaccetta wkoll li ma kien ressaq l-ebda lment dwar ix-xoghol li kien sar fil-kors ta’ Novembru 1994. Ex-concessis, jafferma dan: “Jien kont naf u approvajt ix-xoghol ta’ tiswija li kien ser isir fuq it-turbo”. Ciononostante, jiddikjara li t-tiswija fuq it-turbo ma kien tah l-ebda rizultament utili. Il-linja difensjonali tieghu kienet wahda rikorrenti u ripetuta. Hu kien profan f’dan ix-xoghol u ma kienx jifhem fit-teknikalita`.

Ezaminata sew ix-xhieda tal-partijiet, minnha jitrapela illi l-lanjanza tal-konvenut ma kienetx tirriallaccja ruhha mat-tieni servizz jew xoghol ezegwit mit-teknici tas-socjeta’ appellata f’April 1995. L-ebda “nexus’ bejn l-allegat ilment mal-fatt tar-riparazzjoni f’dan l-ahhar servizz. Dan hu ben evidenti meta wiehed jikkonsidra sew l-istess xhieda tal-konvenut. Fi kliem iehor, u in tema tad-dritt ma hemmx dak li dottrinalment hu maghruf bhala “nesso di causalita`”. L-ebda sekwela ta’ inadempiment bejn it-tieni bicca xoghol u l-ewwel wahda esegwita xhur qabel. Iz-zewg servizzi kienu kontraddistinti minn xulxin u in kwantu tali kienu jikkrejaw obbligazzjonijiet separati.

L-obbligazzjoni li kkontratta l-konvenut dwar ix-xoghol esegwit mis-socjeta’ attrici fit-tieni okkazjoni ta’ April 1995 ma kellha l-ebda konnessjoni ma’ l-ewwel obbligazzjoni konsegwita ghax-xoghol riparatrici ta’ Novembru 1994.

Biex jinghad kollox, imbaghad, il-Qorti hi konvinta illi r-riparazzjoni relattiva ghat-turbo saret fuq l-ordni tal-konvenut jew bl-awtorizazzjoni tieghu u ta' min ikkonsiljah. Jista' jkun li huwa ghazel din it-triq li ssir riparazzjoni minflok rimpjazzament biex jiffranka. Izda tali xelta ma tistax tiskansah mill-obbligu li jhallas dak minnu dovut ghal xoghol li mal-kwestjoni tal-ilment evokat minnu ma jiccentra xejn.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi l-appell tal-konvenut hu michud u s-sentenza appellata hi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi ibatihom l-istess konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------